A.L. 259 ta' l-2008

ATT TA' L-2007 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI 2008
(ATT NRU. XXXII TA' L-2007)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI
(*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI)
(KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-Ħruġ ta' Ewro 50,000,000

(i) 5.1% *Stock* Tal-Gvern Ta' Malta 2014 (III) (IT-TIELET ĦRUĠ) *Fungibility Issue*
jew
(ii) 5% *Stock* Tal-Gvern Ta' Malta 2021 (I) (L-EWWEL ĦRUĠ) *Fungibility Issue*
jew
(iii) F'ammonti miż-żewġ *Stocks* imsemmija b'valur nominali flimkien ta' Ewro 50,000,000

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2007 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi 2008 u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment awtorizza li l-ħruġ ta' Ewro 50,000,000 jiġi maħruġ kif ġej:-

(i) 5.1% *Stock* Tal-Gvern Ta' Malta 2014 (III) *Fungibility Issue*, jew

(ii) 5% *Stock* Tal-Gvern Ta' Malta 2021 (I) *Fungibility Issue*, jew

(iii) F'ammonti miż-żewġ *Stocks* imsemmija b'valur nominali flimkien ta' Ewro 50,000,000

Mod tal-Ħruġ ta' l-i*Stocks*.

1. L-i*Stocks* jinħarġu skond kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

2. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dawn l-i*Stocks*. It-tqassim ta' l-i*Stocks* isir kif hemm spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

3. (a) Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dawn l-i*Stocks* jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex kull *Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(b) Fis-7 ta' Jannar, 2009, wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax, kull ammont allokat fil-5.1% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2014 (III) jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

(ċ) Fid-9 ta' Frar, 2009, wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax, kull ammont allokat fil-5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (I) jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti u wara, dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stocks* imsemmija flimkien tkun ta' Ewro 50,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'massimu ta' Ewro 15,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. (a) L-imgħax bir-rata ta' Ewro 2.55 għal kull Euro 100 5.1% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2014 (III) jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-6 ta' Jannar u fis-6 ta' Lulju ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas *pro rata* relattiv għall-perjodu bejn id-29 ta' Ottubru, 2008 u l-5 ta' Jannar, 2009 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fis-6 ta' Jannar, 2009.

(b) L-imgħax bir-rata ta' Ewro 2.50 għal kull Euro100 5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (I) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-8 ta' Frar u fit-8 ta' Awissu ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas *pro rata* relattiv għall-perjodu bejn id-29 ta' Ottubru, 2008 u s-7 ta' Frar, 2009 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fit-8 ta' Frar, 2009.

Fidwa ta' *Stock*.

6. (i) 5.1 % *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2014 (III) jiġi mifdi b'parità fis-6 ta' Lulju, 2014.

(ii) 5.% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (I) jiġi mifdi b'parità fit-8 ta' Awissu, 2021.